**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 18 ta' Jannar, 2017**

**Rikors numru: 55/2012**

**Nazzareno Vassallo**

**Vs**

**Dottor Joseph Ellis li b'digriet tal-15 ta' Marzu, 2012 gie nominat bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-assenti Lucian – Ioan Crisovan u lil Kerstin Angela Crisovan, u b'digriet tas-7 ta' Marzu 2012 gie revokat l-inkarigu ta' Dottor Joseph Ellis bhala kuratur deputat u b'digriet iehor tal-15 t'April 2013, Dottor Joseph Ellis rega' gie integrat fl-inkarigu tieghu bhala kuratur deputat taz-zewg konvenuti assenti.**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-attur fejn talab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu l-ammont ta' tlett elef u mitejn Euro u tmienja u disghin centezmu (€3,200.98) rapprezentanti bilanc ta' kera u

arretrati ta' kontijiet tad-dawl u l-ilma dovuti mill-konvenuti lir-rikorrenti b'konnessjoni mal-kera tal-fond 14, Triq Mikiel Molina, Gharb, Ghawdex, ghall-perjodu bejn l-1 ta' Lulju, 2010 u l-1 ta' Lulju, 2011 u dana ai termini ta' skrittura ta' lokazzjoni datata 20 ta' Frar, 2010 (hawn annessa Dok 'X') u skond l-istatement mibghut mir-rikorrent lill-konvenuti (anness Dok 'Y').

Bl-ispejjez, inkluzi dawk relattivi ghall-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mar-rikors promotur, u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tar-rikors promotur sal-jum tal-effettiv pagament kontra l-konvenuti.

Rat ir-risposta ta' Dr. Joseph Ellis fil-kapacita' tieghu ta' kuratur deputat tal-konvenuti assenti, fejn espona:

1. Illi huwa fil-kapacita' premessa tieghu m'huwiex edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u ghaldaqstant jirriserva illi jdahhal eccezzjonijiet aktar il'quddiem.
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghat ix-xhieda, rat id-dokumenti ipprezentati u l-atti l-ohra ta' dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Permezz ta' skrittura tal-20 ta' Frar 2010, l-attur kien kera lill-konvenuti fond Ghawdex ghal perjodu ta' sena mill-1 ta' Lulju 2010. Fost kondizzjonijiet ohra, l-iskrittura kienet tikkontempla zieda fl-ammont ta' kera, ma kull tigdid tal-kera.
2. Il-konvenuti telqu mill-fond mikri lilhom minghajr ma infurmaw lill-attur, u kien ghad fadlilhom jaghtu lill-atturi l-ammont ta' €1,125.00, rapprezentanti arretrati ta' kera, u ammont ta' €2075.98, rapprezenanti arretrati ta' kontijiet ta' dawl u ilma fuq

il-fond mikri, waqt li kien qed jigu uzat mill-konvenuti.[1] Fil-fatt, l-ahhar kont tad-dawl u l-ilma gie mahdum mill-provditur tas-servizz fuq ir-*reading*s li kien hemm fuq il-*meters* relattivi, meta haddiema tal-attur marru Ghawdex biex jaraw x'gara mill-fond u ma sabu lil hadd.[2]

3. Il-konvenuti siefru u l-attur m'ghandux idea fejn marru joqghodu.[3]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

F'dawn il-proceduri xehed Karol Cassar li jiehu hsieb l-accounts tal-attur personalment u ta spjegazzjonijiet tar-rendikont li ipprepara tal-ammont dovut mill-konvenuti u li jinsab ezebit fil-process,[4] u pprezenta u spjega d-dokumenti li fuqhom hadem sabiex wasal biex jirredigi dan ir-rendikont tal-ammont dovut. Hu xehed li l-konvenuti ma hallsu xejn mill-ammont pretiz.

Ma ngabet l-ebda prova biex ixxejjen ix-xhieda prodotti mill-attur u l-ammont minnu pretiz mill-konvenuti, u din il-Qorti ma tara l-ebda raguni valida ghalfejn m'ghandhix temmen ix-xhieda prodotti mill-attur u l-provi minnu migjuba.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' t-talba tal-attur, u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ammont ta' tlett elef u mitejn Euro u tmienja u disghin centezmu (€3,200.98) lill-attur, bl-ispejjez, inkluzi dawk relattivi ghall-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma dar-rikors promotur, u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tar-rikors promotur sal-jum tal-effettiv pagament, kontra l-konvenuti.

**Alan Zerafa**

**Magistrat** **Deputat Registratur**

[1] Ara Dok AV1 a fol. 75 tal-process.
[2] Ara xhieda ta' Karol Cassar a fol. 89 tal-process.
[3] Ara xhieda ta' Dottor Aldo Vella a fol. 82 tal-process.
[4] Ara fol. 2 tal-process.